**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 13/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/03/'13 296**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/03/'13 351**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier Richard Scicluna.

1.05 Skużati: Il-Kunsilliera Irene Borg (Refer to Inc: 492/13).
Il-Vici Sindku Charles Camenzuli (Refer to Inc: 1489/13).

1.06 Kienet preżenti ukoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms. Johanna Caruana.

1.07 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.09 Qabel bdiet il-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku leħaq President tar-Reġjun Ċentrali.

1.10 Il-Kunsill awguralu għall-ħatra.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Marzu 2013 L- Aġenda (Addenda) kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament – Ftehim mal-GreenMT
4. Sitwazzjoni – *Public Private Partnership*
5. Tender – Tiżjin ta' dawl għal żmien il-Milied
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 12/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 12/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 27/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

**1.5** Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jittresqu l-*financial statements* riveduti wara li sar l-audit.

1.5.01 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.5.02 L-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni fid-dettal rigward il-financial statements kif riveduti wara l-audit.

1.5.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-financial statements riveditu (Ara Appendiċi ‘ B’).

1.5.04 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.5.05 Il-Kunsill qabel unanimament

1.5.06 L-Accountant ġiet skużata fis-2.30 p.m.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P116,P126 KA51,1320 900,1040, 976 | Korrispondenza mal-avukat Filletti rigward: email mingħand is-Sinjura Grace Scicluna, ħruġ ta’ permessi għall-kiosks f’attivitajiet, ittri mingħand il-Qorti u l-Pulizija rigward il-każ ‘Il-Pulizija vs Carmen Mallia’. |
| 1058 | Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward l-attendenza tal-laqgħa ta’ Frar. |
| 1062 | Email mingħand is-Sur Phillippe Gatt rigward il-Multisits li jinsabu quddiem in-Neptunes. |
| 1092 | Kont mingħand Raymond Attard rigward tindif addizzjonali fi Triq Zammit Clapp u bini ta’ ħajt. |
| 1180 | Ittra mingħand is-Sur Edgar Montanaro L.P. rigward il-ħlas mingħand is-Sur Robert Agius et (Ryans). |
| 1187 | Ittra mingħand *Malta Competition and Consumer Affairs Authority* rigward il-*playgrounds.* |
| 1394 | Email mingħand il-Kunsill Lokali Naxxar rigward żjara minn delegazzjoni Ċiniża. |
| 1416 | Email mingħand is-Sur Raymond Farrugia rigward il-moll f’ Xatt is-Sajjieda ħdejn il-lukanda Cavallieri. |

1489 Email mingħand il-Viċi Sindku Charles Camenzuli rigward l-attendenza tal-laqgħa ta' Marzu.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: PA116, P126, KA51, 1320, 900, 1040, 976**

2.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-parir legali li ngħata mingħand l-avukat rigward emails mingħand is-Sinjura Grace Scicluna, ħruġ ta' permessi għall-kiosks f'attivitajiet u l-ittri mingħand il-Qorti u l-Pulizija rigward il-każ 'Il-Pulizija vs Carmen Mallia'.

**Rif Nru. 1058**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward l-attendenza tal-laqgħa ta' Frar. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill iddikjara li, minħabba ċ-ċirkustanzi l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli tkun skużata u mhux assenti.

**Rif Nru. 1092**

2.03 B'riferenza għall-kont mingħand is-Sur Raymond Attard ġie deċiż unanimament li jitħallas għax-xogħol li sar fi Triq Zammit Clapp u bini ta' ħajt.

2.04 **Rif Nru. 1180**

Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand is-Sur Edgar Montanaro L.P. rigward il-ħlas mingħand is-Sur Robert Agius et (Ryans).

**Rif Nru. 1394**

2.05 B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsill Lokali Naxxar rigward żjara minn delegazzjoni Ċiniża. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta li jħallas il-50% tal-ispejjeż u jiġi nfurmat id-Dipartiment bid-deċiżjoni.

**Rif Nru. 1489**

2.06 B' riferenza għall-email mingħand il-Viċi Sindku, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jkun skużat għal-laqgħa ta' Marzu.

**3. Aġġornament – Ftehim mal-Green MT**

3.01 Il-Kunsill iddiskuta d-dokument rivedut tal-ftehim mal-Green MT fir-rigward ta' Skart tal-ippakeġġjar (skart separat) u anke skart t'affarijiet elettriċi u elettroniċi (Ara Appendiċi 'C').

3.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Anthony Grech ppropona li jiġi iffirmat il-ftehim mal-Green MT.

3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Sitwazzjoni – Public Private Partnership

4.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li:-

- Il-Kuntrattur ta' PPP (Public Private Partnership) baqa' ma komplix bir-resurfacing tat-toroq, skont il-ftehim, anki wara li saru diversi laqgħat miegħu.

- il-*performance bond* tat-tender tal-Public Private Partnership tiskadi nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2013. (Ara Appendiċi 'D').

- Il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din is-sitwazzjoni.

4.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li f'dan l-istadju s-Sindku jitlob laqgħa mal-Ministru tat-Turizmu, l-Onor. Karmenu Vella, mas-Segretarju Parlamentari għal-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dr. Jose' A Herrera u mal-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi. Dan biex jiġu diskussi l-materja tal-*Public Private Partnership*, il-ġbir ta' skart nhar ta' Tlieta u Ġimgħa u materji oħra.

## 5. Tender – Tiżjin ta' dawl għal żmien il-Milied

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bis-*schedule* ta' l-offerti (Ara Appendiċi 'E').

5.02 Wara diskussjoni l-Kunsillier Anthony Grech ppropona li tiġi aċċettata l-offerta tal-Mica Med Ltd.

5.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘F’).

6.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Anthony Grech ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta'  Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3367 sa 3375 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘G’).

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella  ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3367 sa 3375.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) intbagħtu l-awguri lill-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat dwar ir-rebħa elettorali għan-nom tal-Kunsill u l-Amministrazzjoni.

b) għal kejl tax-xogħol rigward ir-repair & upkeep (Ara Appendiċi ‘H’) reġa’ ma attenda ħadd mill-Kunsilliera.

c) sar tindif addizzjonali fit-toroq tal-Balluta u ta' San Ġiljan minn fejn għaddiet il-purċisjoni tad-Duluri (Ara Appendiċi 'I').

d) għalqet is-sejħa għall-offerti għall-ħruġ ta' Magazin / Fuljett tal-Kunsill iżda ħadd ma wera nteress.

e) rigward it-tender għall-Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-Toroq dan ser jitressaq għad-deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

f) Nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2013 tagħlaq is-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku ta' nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa tal-borża s-sewda biss. Peress li l-Kunsill ma ngħatax il-finanzjament biex ikun jista' jħaddem dan it-tender, ser jintalab li jsir appuntament mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onorevoli Karmenu Vella biex issir t-talba lilu. Jekk jirriżulta li din it-talba ma tiġix milħuqa, il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jwaqqaf il-kumplament tal-proċess tat-tender u dawk li ġabruh jingħataw il-flus lura tad-dokument.

g) saret applikazzjoni ghal-EDEN (European Destination of Excellence) award. (Refer to inc: 846/13).

8.02 Il-Kunsill ġie nfurmat verbalment mill-Green Mt li nhar il-Ġimgħa 19 ta' April 2013 fis-7.00p.m. ser isiru l-preżentazzjonijiet lill-Għaqdiet. Din l-attivita' ser issir Le Meridien u d-dettalji għandhom jintbagħat mill-Green Mt aktar tard.

8.03 Ġie deċiz li:-

a) ssir laqgħa informali mar-residenti ta' Spinola rigward it-tieni fażi ta' l-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri nhar l-Erbgħa 3 ta' April 2013 fil-5.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa għandu jkun preżenti il-Perit tal-Kunsill.

b) Is-Supretendent tal-Puliżija jiġi nfurmat li waqt il-laqgħa tal-Kunsill inġibded l-attenzjoni li s-sid ta' fejn hemm l-ħajt imwaqqa' fi Triq Sir Joseph Carbone, hija Carmela Dalli.

c) Il-Kunsillier Anthony Grech ser jmur mal-kuntrattur tad-dawl biex iduru u jaraw il-bozoz maqtugħin fil-lokalita'. Wara jinforma lill-Amministrazzjoni biex tkun tista tinħareg il-works order.

d) Tintbagħat ittra lill-MEPA biex tittieħed l-azzjoni neċessarja peress li fi Triq Luigi Apap inkixef xelter.

e) Tintbagħat ittra lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet li minn Ġnien Spinola qed joħroġ ħafna ilma għat-triq mill-funtani li hemm faċċata tal-HSBC u li qed jitrabba l-ħażiż li huwa ta' periklu għall-pubbliku.

f) Tinbagħat ittra lill-Onor. Dr. Chris Said u lill-Onor. Stephan Bontempo biex jiġu rringrazzjati tax-xogħol li wettqu mal-Kunsill meta kienu fil-kariga.

g) Tinbagħat ittra lill-Pulizija u lill-Uffiċċjal Awtorizzat tal-Gwardjani Lokali peress li fi Triq il-Qalb Imqaddsa reġa hemm persuna li qed tipparkja l-vettura taghha fuq il-bankina.

8.04 Inġibdet l-attenzjoni rigward l-ipparkjar ta' vetturi bl-*exhaust pipe* 'l barra fil-Pjazza Spinola quddiem it-Tony's Bar. Ġie deċiż li jekk m'hemmx approvazzjoni min-naħa tat Transport Malta, tinbagħat talba bir-rakkomandazzjoni.

8.05 Il-laqgħa li jmiss ser issir jew nhar it-Tlieta 30 ta' April 2013 fis-2.00 p.m. jew qabel din id-data minħabba mpenji oħra li ma hemmx kontroll fuqhom.

8.06 Il-laqgħa ingħalqet fl-4.00p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**